# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 778/00/SM**

**Joe Ro Limited**

**vs**

**David Portelli**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmi (LM366.25,0) prezz ta' konkos u materjal ghall-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut;**

**Bl-interessi mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Frar tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-**

**kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**